Is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol jirrigwardaw lil kulħadd.
Tajjeb għalik. Tajjeb għall-kumpanija.

Il-Kampanja tal-2023-2025 dwar Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa



# Xogħol sigur u li jippromwovi s-saħħa fl-era diġitali

# Premjijiet ta' Prattika Tajba

## Sejħa għan-nomini

Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol

Postijiet tax-xogħol li jġibu
'l quddiem is-saħħa

# L-iżgurar ta’ prevenzjoni effettiva fid-dinja tax-xogħol diġitali

## Mill-assistenti virtwali u l-apps tal-impjegati għal soluzzjonijiet ta’ awtomatizzazzjoni, l-integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali qed tbiddel il-postijiet tax-xogħol kullimkien.

Qed ngħixu u naħdmu fi żmien ta’ innovazzjonijiet eċċitanti. Mill-cloud computing u l-awtomatizzazzjoni għall-assistenti virtwali u l-apps tal-impjegati, l-adozzjoni u l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali qed ibiddlu għal dejjem id-dinja tax-xogħol. L-ebda settur ma jintlaqat minn dawn il-bidliet.

Biex inħejju l-postijiet tax-xogħol, huwa importanti li mmorru lil hinn mill-bits u l-bytes u npoġġu lin-nies fiċ-ċentru tat-trasformazzjoni diġitali. Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH) huma aspett essenzjali li għandu jiġi kkunsidrat.

Din il-kampanja tqajjem sensibilizzazzjoni kemm dwar l-opportunitajiet kif ukoll dwar ir-riskji għall-OSH li t-trasformazzjoni diġitali ġġib fil-mod ta’ kif naħdmu. Tippromwovi approċċ iċċentrat fuq il-bniedem u kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati kollha biex jiġu evitati r-riskji. Dan jgħin biex jiżgura s-sigurtà tal-ħaddiema u l-produttività tan-negozju billi jiġu kondiviżi pariri prattiċi u studji ta’ każijiet ta’ prattika tajba.

Il-kampanja tal-2023–2025 dwar Postijiet tax-Xogħol li Jġibu ’l Quddiem is-Saħħa għandha l-għan li:

1. jiżdied l-għarfien dwar l-użu sigur u produttiv tat-teknoloġiji diġitali fis-setturi kollha;
2. titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi tal-OSH relatati mat-trasformazzjoni diġitali tax-xogħol;
3. tingħata informazzjoni dwar ir-riskji u l-opportunitajiet emerġenti;
4. jiġu promossi l-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni sigura tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol;
5. jitħeġġeġ l-iskambju ta’ informazzjoni u ta’ prattiki tajbin fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti.



© iStockphoto / Wavebreakmedia

# Premjijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) flimkien mal-Istati Membri tal-UE, torganizza l-**Premjijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa** flimkien mal-Kampanji tagħha dwar Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa. Il-premjijiet iservu bħala **pjattaforma għall-kondiviżjoni u l-promozzjoni ta' prattika tajba fis-sigurtà u s-saħħa fuq il-postijiet tax-xogħol fl-Ewropa kollha**.

L-għan speċifiku tal-Premjijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa 2023–2025 huwa li jiġu enfasizzati eżempji eċċezzjonali ta' organizzazzjonijiet li **jipprevjenu b'mod attiv ir-riskji tal-OSH relatati mal-introduzzjoni ta' sistemi diġitali fuq il-post tax-xogħol.** L-EU-OSHA qed tfittex eżempji li juru **approċċ olistiku** għall-ġestjoni tal-OSH, fejn **kemm l-impjegaturi kif ukoll l-impjegati jimpenjaw lilhom infushom biex jaħdmu flimkien**.

Il-ġurija se tkun qed tfittex ukoll interventi li huma kemm **sostenibbli kif ukoll trasferibbli**.

Ir-rebbieħa se jitħabbru f'April 2025. Se tiġi organizzata ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet biex jiġu ċċelebrati l-kisbiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha.



©iStockphoto / zoranm




©iStockphoto / NanoStockk

# X'tipi ta' prattika tajba jistgħu jiġu sottomessi?

Jista' jiġi sottomess kwalunkwe **eżempju fil-ħajja reali ta' prattiki ta' ġestjoni innovattivi u effettivi għall-prevenzjoni tar-riskji tal-OSH relatati mal-introduzzjoni ta' teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol jew ir-riskji li jiddependu fuq teknoloġiji bħal dawn**. L-entrati għandhom **jiddeskrivu** b'mod ċar **kif il-prattiki ta' ġestjoni tajba ġew implimentati** fuq il-post tax-xogħol, x'tip ta' teknoloġiji diġitali ntużaw, x'kien ir-rwol jew il-kontribut tagħhom u xi nkiseb.

Huwa importanti li jiġu enfasizzati l-aspetti li ġejjin:

- kif ġiet organizzata l-valutazzjoni tar-riskju għall-gruppi kollha ta' ħaddiema;
- kif ġiet segwita l-ġerarkija tal-prevenzjoni meta jiġu kkunsidrati r-riskji speċifiċi relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-post tax-xogħol;
- kif ir-riskji tal-OSH ġew ikkunsidrati mit-tfassil sal-iskjerament tas-sistema diġitali fuq il-post tax-xogħol;
- kif żdiedet is-sensibilizzazzjoni u kif ġiet imħeġġa kultura ta' prevenzjoni tar-riskju;
- kif il-ħaddiema ġew imħarrġa biex jaħdmu b'mod sigur u jinteraġixxu mat-teknoloġiji diġitali.

# X'għandha turi entrata?

Il-ġurija tripartitika se tkun qed tfittex evidenza ta':

- approċċ olistiku għas-sigurtà u għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol;
- titjib reali u li jista' jintwera fis-sigurtà u s-saħħa fir-rigward tat-trasformazzjoni diġitali fuq ix-xogħol;
- prijoritizzazzjoni ta' miżuri kollettivi fuq interventi li jiffokaw fuq l-individwu;
- parteċipazzjoni effettiva u l-involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom;
- sostenibbiltà tal-intervent maż-żmien;
- trasferibbiltà lejn postijiet oħrajn tax-xogħol (fi Stati Membri oħrajn, f'setturi differenti u ta' daqsijiet differenti);
- tempestività (l-intervent għandu jkun jew riċenti jew inkella mhux magħruf ħafna).
- Barra minn hekk, l-intervent għandu jissodisfa u, idealment, jisboq ir-rekwiżiti leġiżlattivi rilevanti attwali tal-Istat Membru li fih ikun ġie implimentat. Prodotti, għodod u servizzi żviluppati għal skopijiet kummerċjali ma jiġux ikkunsidrati fil-kompetizzjoni.

***Is-sistemi diġitali ċċentrati fuq il-bniedem huma mfassla biex jassistu lill-ħaddiema fl-impjieg tagħhom, filwaqt li jħalluhom fil-kontroll.***



©iStockphoto / Ridofranz

# Min jista' jippartecipa?

Il-parteċipazzjoni hija miftuħa għal organizzazzjonijiet u kumpaniji bbażati fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE jew pajjiż kandidat, pajjiż kandidat potenzjali jew membru tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), inklużi:

- intrapriżi individwali jew organizzazzjonijiet ta' kull daqs;
- persuni li jipprovdu taħriġ u membri tal-komunità edukattiva;
- organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, trade unions u organizzazzjonijiet mhux governattivi;
- servizzi ta' prevenzjoni reġjonali jew lokali tal-OSH, servizzi tal-assigurazzjoni, u organizzazzjonijiet intermedjarji oħrajn.

# Kif tippartecipa?

L-entrati kollha l-ewwel jiġu ġġudikati fuq livell nazzjonali min-network tal-punti fokali tal-EU-OSHA. Imbagħad ir-rebbieħa nazzjonali jipparteċipaw fil-kompetizzjoni pan-Ewropea, u wara dan jintgħażlu r-rebbieħa globali.

Skopri kif tipparteċipa u tikkuntattja l-punt fokali nazzjonali tiegħek biex tiċċekkja l-iskadenzi nazzjonali.

www.healthy-workplaces.eu/mt/get-involved/good-practice-awards

*Segwi l-kampanja fuq il-media soċjali: #EUhealthyworkplaces*





©iStockphoto / Goodboy Picture Company

L-EU-OSHA tistieden entrati għas-**16**-il Avveniment ta' **Premjijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu'l Quddiem is-Saħħa fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol**. Bħala parti mill-kampanja tal-2023–2025 dwar **"Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa – Xogħol sigur u li jippromwovi s-saħħa fl-era diġitali"**, il-kompetizzjoni għandha l-għan li tirrikonoxxi l-organizzazzjonijiet li jagħtu kontributi eċċellenti u innovattivi għas-sigurtà u s-saħħa billi jipprevjenu r-riskji assoċjati mat-trasformazzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol.

L-**EU-OSHA** tikkontribwixxi biex l-Ewropa ssir post tax-xogħol aktar sigur, li jġib aktar ’il quddiem is-saħħa u aktar produttiv. Imwaqqfa mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f’Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tagħmel riċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, bilanċjata u imparzjali dwar is-sigurtà u s-saħħa, waqt li tinteraġixxi fuq in-networks ma’ organizzazzjonijiet fl-Ewropa kollha biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

L-EU-OSHA tieħu ħsieb ukoll il-**Kampanji dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu ’l Quddiem is-Saħħa**, appoġġjati mill-istituzzjonijiet tal-UE u s-sħab soċjali Ewropej, u kkoordinati fil-livell nazzjonali min-network ta’ punti fokali tal-Aġenzija. Il-Kampanja tal-2023–2025 dwar Postijiet tax-Xogħol li Jġibu ’l Quddiem is-Saħħa **“Xogħol sigur u li jippromwovi s-saħħa fl-era diġitali”** għandha l-għan li tqajjem sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tal-OSH li jirriżultaw mit-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol u l-ħtieġa li dawn jiġu ġestiti u li tiġi promossa kultura ta’ prevenzjoni tar-riskju.


**L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol**
C/Santiago de Compostela 12
48003 Bilbao, SPANJA

Email: ***information@osha.europa.eu***

**www.healthy-workplaces.eu**



© Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2023
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba s-sors ikun rikonoxxut. Għar-riproduzzjoni jew l-użu ta’ kwalunkwe ritratt li jaqa’ taħt kwalunkwe dritt tal-awtur minbarra l-EU-OSHA, għandu jinkiseb permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Ir-ritratti użati f’din il-pubblikazzjoni jiddeskrivu firxa ta’ attivitajiet ta’ xogħol. Mhux neċessarjament juru prattiki tajbin jew konformità mar-rekwiżiti leġiżlattivi.

*Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta’ Traduzzjoni (CdT, il-Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż*



Print: ISBN 978-92-9402-013-0, doi:10.2802/310536, TE-05-22-177-MT-C · PDF: ISBN 978-92-9479-976-0, doi:10.2802/850447, TE-05-22-177-MT-N


